MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2014

Numru. 852/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Sakine Mamadou**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sakine Mamadou ta' 31 sena bin Bambu and Musu, imwieled Bamako gewwa l-Mali nhar il-1 ta' Jannar 1983, bla indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 56408(A) talli nhar il-25 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' 1130hrs gewwa r-Refugee Commission, l-Msida:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Patrick Micallef f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Patrick Micallef, liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr C. Deguara detentur ta' numru tar-registru mediku 2079, u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Patrick Micallef u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma tqisx li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 221(1), 252(1) 338(dd), 338(ee), 31 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta′ sena (1) u ghal hlas ta′ multa fl-ammont ta′ tmin mitt (€800) euro li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur millum konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi f′kaz ta′ nuqqas ta′ pagament.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza u kif ukoll x′inhuma l-konsegwenzi f′kaz li ma jhallasx il-multa.

Kopja ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------